MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2012

Numru. 1020/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JURGEN VELLA**

**KONTRA**

**CHRISTOPHER JOSEPH XUEREB ta’ 31 sena, iben Anthony u Carmen nee’ Saliba, imwieled il-Kanada nhar il-11 ta’ April, 1980, residenti fil-fond numru 42, Trillium House, Triq Anton Falzon, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 194696M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Christopher Joseph Xuereb** li gie akkuzat talli:

a. Sbieh l-24 ta’ Settembru, 2006, ghall-habta tal-4.00 ta’ fil-ghodu, ikkommetta serq ta’ gaffa ta’ l-ghamla

Mitsubishi, minghajr numri tar-registrazzjoni, liema ngenju kien ipparkkeggat fi Triq il-Karmnu, gewwa Hal-Luqa, ghad-detriment ta’ Charlie Dimech minn Haz-Zebbug u persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, liema valur jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), bil-persuna, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-Artikolu 261(b)(c)(d)(f) u (g), 263, 267, 268, 270, u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi li sehhew wara, kellu fil-pussess tieghu oggetti misruqa jew akkwistati b’qerq, u dan bi ksur tal-Artikolu 286 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. U aktar talli sbieh l-24 ta’ Settembru, 2006, ghall-habta tal-4 ta’ fil-ghodu, f’dawn il-Gzejjer, saq vettura gaffa ta’ l-ghamla Mitsubishi, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew id-Direttur tat-Traffiku, b’hekk ma kinitx koperta mill-polza tas-sigurta’ ghal terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65, u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d. U aktar talli sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghu jithassru qatt.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hemm mahsuba skondtu li tinstab htija, u cioe’:
a. Fl-Artikoli 261(b)(c)(d)(f)(g), 263, 265, 267, 268, 270, 271(g), 278, 279, 280, u 281(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. Fl-Artikolu 286 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ta’ l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. Fl-Artikolu 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. Fl-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f. Fl-Artikolu 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

g. Fl-Artikolu 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll li moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji, a folio 147.

Rat il-provi kollha migjuba.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ser tibda biex taghmel succint tax-xhieda saljenti migjuba.

Minn naha tieghu Paul Sciortino xehed li kien dahal ghax-xoghol u kien sab gaffa Mitsubishi nieqsa, kienet il-lejl ta’ qabel imhollija pparkjata gewwa Triq ir-Rixtellu, Luqa. Flimkien ma’ l-imghallem tieghu ghamlu rapport l-Ghassa. Xehed li hemm, u dan anke kkonfermah l-Ufficjal Prosekutur fix-xhieda tieghu, raw film estratt minn CCTV recordings skond l-Ispettur Borg, u fih hemm gharaf lil dik il-persuna li skondtu kienet tahdem mieghu, cioe’ lill-imputat. Qal illi gharfu mill-hwejjeg li kien liebes. Mix-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur jirrizulta li fil-fatt fuq dawn ir-recordings kienu raw din il-persuna tiela’, u sussegwentement jinzel lura jsuq il-gaffa misruqa.

Charlie Dimech xehed li xogholu kien dak ta’ kuntrattur u li gie nfurmat mill-haddiema tieghu li kienet insterqet il-gaffa. Kien ghalhekk li kien ghamel rapport l-Ghassa, u hemm ra persuna li kien ilu jahdem mieghu ghal xahar li kien jafu bil-laqam ta’ Fellusu. Qal illi gharaf lill-imputat mill-persuna tieghu. Xehed illi l-istima tal-gaffa lilu misruqa kienet ta’ Lm5,000.00. Qal ukoll illi l-imputat waqt li kien impjegat mieghu gieli saq din l-istess gaffa.

L-Ufficjal Prosekutur minn naha tieghu, in vista’ tal-filmat li kien anke ra hu, u wara li saret tfittxija ghand l-imputat, ezebixxa wkoll il-hwejjeg li gabar minghand l-istess imputat, li skondtu kien liebes l-istess imputat kif jidher fl-istess filmat.

Minn naha tieghu Martin Bajada appozitament nominat, esebixxa r-relazzjoni tieghu, Dok MB li fiha tlett stills li fihom jidhru karozza pparkjata quddiem il-bieb, persuna ghaddejja top right-hand corner, u gaffa zghira tiela’ ’l fuq.

Ittella’ jixhed ukoll rapprezentant ta’ l-ADT li qal illi l-imputat ma kellu ebda licenzja tas-sewqan, kif ukoll illi Charles Dimech kellu erbatax-il vettura registrata fuq ismu, ezebixxa ghal dan l-iskop Dok CD.

Minn naha tieghu Ivan Camilleri esebixxa wkoll il-Memorandum and Articles tal-kumpanija Dumbro Ltd, li minnhom jirrizulta li l-unika direttur tal-kumpanija in kwistjoni kienet certa Josephine Dimech.

In kontro ezami Martin Bajada spjega li hu kien hareg tlett stills minn fuq kopja tas-CCTV recordings li giet moghtija lilu. Tant li ghalkemm il-footage originali kien ta’ tlett minuti tul, dak moghti lilu kien ta’ zewg minuti. Qal ukoll illi kien hareg tlett stills u li minhabba dawl safrani r-ritratti kienu safranija. Xehed ukoll illi mill-istess stills kienet tidher persuna miexja u warajha tghaddi gaffa. Qal ukoll illi minhabba li bejn kull frame u iehor kien hemm 25 sekonda, allura l-stills jaghtu mpressjoni ta’ moviment li fil-fatt ma kienx il-kaz.

Ghazel li jixhed anke l-imputat minn jeddu. Qal li kien beda jahdem ma’ Charlie Dimech, xogholu kien fil-gebel. Qal li xogholu kien dejjem fuq barra. Xehed li s-Sibt hadem bejn is-sebgha ta’ fil-ghodu sas-saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar. Qal illi wara mar jaghmel qadja u mar id-dar. Qal illi t-Tnejn ghamel gurnata xoghol normali u mbaghad fil-ghaxija marru ghalih il-pulizija. Dwar il-gaffa qal jew hu jew “hu”, persuna ghall-Qorti njota, ipparkjawha bid-dritt fit-telgha xi tnejn jew tliet minuti ’l boghod mill-pjazza. Xehed illi l-gaffa s-soltu kienet tigi pparkjata vicin il-lant tax-xoghol fejn tkun ser tintuza. Qal illi l-gurnata tal-Hadd huwa fil-fatt kien ra l-gaffa pparkjata hemm. Ma kienx jaf jirrispondi fejn kienet il-gaffa t-Tnejn, anzi wara mistoqsijiet mill-Qorti wiegeb illi t-Tnejn fil-ghodu ma kinitx hemm. Xehed ukoll illi bejn s-Sibt u t-Tnejn, il-gaffa zgur

kienet f'postha ghaliex hu s-Sibt fil-ghodu kien qieghed jaghti l-konkos u jaghmel il-barrier. Zied illi l-Hadd kien sejjer il-pjazza u nehha l-barriers hu b'idu. Qal ukoll illi hu din il-gaffa kien gieli uzaha. Zied illi bhal kull gaffa, anke din kienet tixghel b'kull cavetta.

Omm l-imputat ukoll xehdet in difesa u qalet illi meta marret tqajmu ghax-xoghol hu kien d-dar u ma kienx hareg bil-lejl. Qalet illi ma kinitx hallsitlu l-bail ghax kienet irrabjata u hallietu hemm.

Ikkonsidrat:

Illi fil-fatt il-prova li gabu il-pulizija kontra l-imputat kien il-filmat li kien gie mghoddi lil Dr Martin Bajada u li minnu hareg tlett stills. Issa kien certu Paul Sciortino li flimkien ma' Charles Dimech li kienu raw fil-presenza ta' l-Ispettur ic-CCTV, u specjalment Sciortino ddetermina li l-persuna li kienet tidher fuq l-istess, kemm mill-movimenti tieghu kif ukoll minn hwejgu, kien l-imputat.

Frankament din il-Qorti, wara li rat l-istess filmat kif ukoll l-istills mahruga f'Dok MB, ma tistax tkun moralment konvinta li dik il-persuna li tidher hemm hija fil-fatt l-imputat, ghaldastant qieghda tilliberah mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------